***- Novazzjoni -***

***- Artikolu 1179 (b) Kap 16 -***

**- Novazjoni ma tistax tigi prezunta-**

**- Artikoli 1180, 1181, 1183 Kap 16 -**

**- Novazzjoni *ex partis debitoris* -**

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF.**

**ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Gunju 2001.**

**Kawza Numru. 11**
**Citaz. Numru. 1391/99/RCP.**

**Anthony Galea**

**vs**

**Mario Hallett f'ismu propju u f'isem Power Mix Limited u George Vella f'ismu proprju u f'isem Power Mix Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol 1 tal-process fejn gie premess:

Illi l-attur jiggestixxi l-barriera f'Seja/tad-Midirba limiti tal-Imqabba.

Illi l-konvenuti f'isimhom u f'isem is-socjeta' konvenuta, f'diversi drabi, mis-27 ta' Novembru 1997 uza l-imsemmija barriera ghall-irdim ta' terrapien u l-partijiet ftehmu li l-konvenuti f'isimhom u f'isem is-socjeta' konvenuta ghandhom ihallsu lill-attur l-ammont ta' elf, seba' mija u sittin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1,760.85).

Illi l-konvenuti f'isimhom u f'isem is-socjeta' konvenuta huma debituri lejn l-attur fl-ammont ta' elf, seba' mija u sittin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1,760.85).

Illi l-attur kien biegh u kkonsenja *generator "Fiat Aifo/Stanford 150KVA* fl-10 ta' Marzu 1998 lill-konvenuti f'isimhom u f'isem is-socjeta' konvenuta ghall-ammont ta' elfejn u mitt lira Maltija (Lm2,100), liema ammont ghadu dovut mill-konvenuti f'isimhom u f'isem is-socjeta' konvenuta.

Illi l-istess attur talab ghaliex din l-Onorabbli Qorti:

1. M'ghandhiex tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur l-ammont ta' elf, seba' mija u sittin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1,760.85) rappresentanti l-hlas ta' rdim ta' terrapien fil-barriera tas-Sejba/Midirba limiti tal-Mqabba.

(2) M'ghandhomx l-konvenuti jigu ikkundannati ihallsu lill-attur l-ammont ta' elfejn u mitt lira Maltija (Lm2,100), rappresentanti hlas ta' xiri ta' *generator Fiat Aifa/Stanford 150KVA* fl-10 ta' Marzu 1998 minghand l-attur.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-22 ta' April 1999, ittra ufficjali tat-30 ta' April 1999, tal-mandat ta' sekwestru numru 2727/99 u tal-mandat ta' qbid numru 2729/99; u l-imghax mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ta' George Vella a fol. 8 tal-process fejn ecceppixxa li:-

(1) Illi fl-ewwel lok hu m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kreditu mitlub peress illi mhux il-legittimu kontradittur u allura ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju.

(2) Illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru 1999 saret skrittura ghad-debitu li qed jigi reklamat fic-citazzjoni odjerna, liema debitu pero' huwa dovut mis-socjeta' Hallet Construction Limited u kwindi hemm novazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 1179 (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** u ghalhekk ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju stante l-insostenibilita' tal-azzjoni kif proposta.

(3) Illi fl-iskrittura tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru 1999 jidher car li l-eccipjenti gie deskritt bhala xhud ghall-iskrittura u li ma kienx qieghed jassumi personalment il-hlas - fattur iehor li guridikament jaccentwa (i) li hu mhux l-legittimu kontradittur u (ii) li kien hemm novazzjoni kif spjegat aktar il-fuq.

(4) Illi bla pregudizzju ghas-suespost, fil-meritu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut George Vella a fol 9 tal-process.

Rat l-iskrittura privata esebita bhala Dok. "A" a fol. 11 tal-process mal-istess eccezzjonijiet tal-istess konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Mario Hallett f'ismu proprju u f'isem is-socjeta' kummercjali Power Mix Limited a fol. 15 tal-process fejn ecceppew:-

(1) Illi l-pretensjonijiet ta' l-attur ghandhom jigu respinti bil-qawwa kollha u bl-ispejjez stante illi minn dak in-nhar illi giet intavolata l-imsemmija citazzjoni fis-16 ta' Gunju 1999 saret novazzjoni '*ex parte debitoris' ai termini* ta' l-**artikolu 1179 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** hekk kif jigi ampjament spjegat fil-mori tal-kawza.

(2) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenuti a fol. 16 tal-process.

Rat il-verbali tal-11 ta' Jannar 2000, 1 ta' Marzu 2000, 4 ta' Mejju 2000, fejn xehed l-attur li esebixxa id-dokument "AG" a fol. 20 tal-process, u l-attur iddikjara li ma ghandux provi izjed; Xehed ukoll il-konvenut George Vella u l-kawza thalliet ghal-5 ta' Lulju 2000 fl-10.00.a.m. ghall-provi tal-konvenuti.

Rat ix-xhieda tal-attur a fol. 23 sa 40  tal-process u tal-konvenut George Vella a fol. 41 sa fol. 46 tal-process, iz-zewg xhieda moghtija fl-4 ta' Mejju 2000l

Rat in-nota tal-attur tal-4 ta' Mejju 2000 fejn limitatament ghat-tieni talba giet ridotta it-talba mis-somma ta' elfejn u

mitt lira Maltin (Lm2,100) ghall-elf, mija u tmenin lira Maltija (Lm1,180) stante pagament.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Lulju 2000 fejn il-kawza giet differita ghall-provi kollha li fadal tal-konvenuti Hallett ghat-22 ta' Novembru 2000.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Novembru 2000 u peress li l-konvenut Hallett proprju et nomine baqa' ma deherx meta is-seduta kienet intiza ghall-provi kollha tieghu, il-provi tal-istess konvenut premess gew iddikjarati bhala maghluqa u l-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Frar 2001 b'dan li l-attur inghata fakolta' li jippresenta nota tal-osservazzjonijiet fi zmien wiehed u ghoxrin (21) gurnata, bil-visto/notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom l-istess terminu ghall-presentata tan-nota responsiva.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut George Vella a fol. 50 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Frar 2001 fejn l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Marzu 2001.

Rat ir-rikors tal-attur tal-20 ta' Marzu 2001, u d-Digriet ta' din il-Qorti datat 29 ta' Marzu 2001 fejn il-Qorti issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza minhabba r-rikors premess u halliet il-kawza ghall-finali trattazzjoni ghas-26 ta' April 2001.

Rat il-verbal tas-26 ta' April 2001 fejn dehret biss Dr. Jeanne Pia Mifsud Bonnici ghall-attur u l-Qorti ipprefigiet terminu ta' ghoxrin (20) jum ghall-presentata tal-istess nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika tad-difensur tal-kontro-parti u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-28 ta' Gunju 2001.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur ipprezentata fit-28 ta' Mejju 2001.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A) L-AZZJONI ATTRICI.

Illi l-azzjoni attrici saret stante li l-attur qed jallega li l-konvenuti fil-kwalita' personali taghhom u ghan-nom tas-socjeta' Power Mix Limited huma debituri tieghu fl-ammont ta' Lm1,760.85 rappresentanti valur ta' irdim ta' terrapien li sar mill-istess konvenuti fil-barriera gestita mill-attur ta' Sejba/Midirba limiti ta' l-Imqabba, u kwantu ghall-Lm2,100 rappresentanti hlas ta' xiri ta' *generator Fiat Aifo/Stanford 150KVA* fl-10 ta' Marzu 1998, liema somma giet ridotta ghall-Lm1,180 stante pagament fil-mori tal-

kawza skond nota datata 4 ta' Mejju 2000 a fol. 19 tal-process.

(B) PROVI PRODOTTI.

Illi mill-provi jirrizulta li xehed biss dwar l-istess **l-attur** li fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2000 sostna li kien avvicinah Mario Hallett li kien talbu sabiex iwaddab il-materjal fil-barriera tieghu u ghalkemm il-pagamenti ghall-istess waqghu lura peress li l-istess konvenut Mario Hallett sostna li kien ghadu ma thallasx ghal xogholu mill-Gvern, biegh ukoll lill-konvenuti l-*generator* skond skrittura, li saret dak in-nhar stess meta l-*generator* kien ikkonsenjat.

Illi minn harsa tal-istess skrittura datata 10 ta' Marzu 1998 a fol. 20 tal-process, jirrizulta li din l-iskrittura saret bejn l-istess attur u *"Power Mix Limited G. Vella/ M. Hallett Diretturi",* u tinsab iffirmata mill-istess partijiet imsemmija, u fiha hemm li l-istess apparat inbiegh bil-prezz ta' Lm4,250, li minnhom thallsu Lm1,200 u l-bilanc ta' Lm3,000, (wara li thallsu Lm50 kull parti senserija) kellhom jithallsu Lm1,000 fix-xahar mid-data tal-ftehim. Jidher ukoll li f'Lulju 1998 thallset Lm1,000.

Illi pagamenti ma jidhirx li saru izjed hlief fil-mori ta' din il-kawza meta permezz ta' skrittura datata 26 ta' Ottubru 1999 redatta mid-difensur tal-attur Dr. Jeanne Pia Mifsud Bonnici, u esebita bhala Dok. "A" a fol. 11 tal-process

jidher li l-istess attur u l-konvenut Mario Hallett ghan-nom tas-socjeta' Hallet Construction Limited ftehmu li l-istess socjeta' hija debitrici fl-ammont ta' Lm3,460, li jithallsu permezz ta' pagamenti mensili ta' Lm500 fix-xahar, b'effett mid-data tal-istess skrittura, bid-dekadenza mill-beneficcju tat-terminu f'kaz ta' inadempjenza ta' zewg pagamenti u dekors ta' imghax, u li l-attur jirtira l-Mandati kawtelatorji li hareg kontra d-debituri b'dan li *"c-citazzjoni presentata mill-kreditur kontra d-debituri tigi ceduta hekk kif jigi saldat id-debitu kollu",* u fl-ahharnett li l-ispejjez tal-kawza jithallsu mid-debituri.

Illi jidher ukoll li *ai termini* tal-istess ftehim thallsu xi ammonti stante li l-ammont ta' Lm2,100 gie ridott ghall-Lm1,180 kif gja indikat.

Illi min-naha l-ohra l-**konvenut George Vella** cahad kategorikament li huwa kien involut personalment f'dawn in-negozji mal-attur anzi qal fix-xhieda tieghu tal-4 ta' Mejju 2000 a fol. 43 tal-process li :-

*"Jiena la qatt avvicinajtu, jiena la qatt mort niehu x-xoghol minn ghandu, assulutament m'ghandi x'naqsam xejn jien ma din. Jigifieri dan hemm zewg kontijiet differenti minn xulxin, u m'ghandi x'naqsam xejn jien, mhinix responsabbli ghat-terrapien. Jigifieri la qatt kelli xi negozju mieghu, la qatt ftehimt, la qatt mort hemm, qed tifhem?".*

Illi dwar il-*generator* sostna li huwa deher biss bhala direttur ta' Power Mix Limited flimkien ma Mario Hallett kif jirrizulta mill-iskrittura datata 10 ta' Marzu 1998 ghaliex dak iz-zmien kien direttur ukoll tal-istess socjeta', u fil-fatt fl-iskrittura tas-26 ta' Ottubru 1999 huwa kien deher hemm biss bhala xhud.

(C) APPREZZAMENT TAL-PROVI DWAR IT-TALBA ATTRICI.

Illi minn dawn il-provi kollha jirrizulta fl-opinjoni ta' din il-Qorti li l-istess George Vella ma kienx involut personalment fin-negozju mal-attur, anke ghaliex fil-kawzali dwar il-valur tat-terrapien, l-istess konvenut ma kien involut f'xejn, mentri fil-kawzali dwar il-prezz tal-*generator*, skond l-istess skrittura datata 10 ta' Marzu 1998 l-istess konvenuti George Vella u Mario Hallett dehru ghan-nom tas-socjeta' Power Mix Limited, u ghalhekk id-debitu dwar l-istess sar mal-istess socjeta', tant li l-istess konvenuti jinsabu imsemmija b'isimhom *qua* diretturi tal-istess socjeta'.

Illi huwa ovvju f'dan ir-rigward li la darba kien l-attur li qed jallega l-involviment tal-istess konvenut George Vella fiz-zewg negozji mertu tal-kawza odjerna, kien oneru tal-istess attur li jipprova l-allegazzjoni tieghu; izda meta wiehed ihares lejn ix-xhieda tal-attur din ma hija xejn konvincenti fuq dan il-punt, mentri min-naha l-ohra ix-xhieda tal-istess konvenut George Vella hija f'dan ir-

rigward skjetta u kategorika, u wkoll korroborata dwar it-tieni talba attrici mill-iskrittura datata 10 ta' Marzu 1998, jekk mhux ukoll mill-iskrittura tas-26 ta' Ottubru 1999.

Illi *invece* dwar it-terrapien jirrizulta mill-istess provi prodotti li l-persuna li avvicinat lill-attur kienet Mario Hallett, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti jirrizulta li l-istess debitu huwa dovut mill-istess Mario Hallett personalment u ghan-nom tas-socjeta' Power Mix Limited, stante wkoll li l-istess Mario Hallett ma gab ebda prova sabiex jikkontradixxi it-tezi attrici.

(D) NOVAZZJONI.

Illi jibqa' jigi deciz il-punt jekk l-iskrittura tas-26 ta' Ottubru 1999 bejn l-attur u Hallett Construction Limited tikkostitwix novazzjoni *ai termini* tal-ligi.

Illi n-novazzjoni hija deskritta mit-**Torrente** b'dan il-mod :-

*"La novazione …..e' un contratto con il-quale i soggetti di un rapporto obligatorio sostituiscono un nuovo rapporto a duello originario".*

Illi din in-novazzjoni tista' ssir *ai termini* tal-**artikolu 1179 tal-Kap 16** billi:-

*(a) "meta d-debitur jaghmel mal-kreditur tieghu dejn gdid, u dan jigi mqieghed flok il-qadim, li jispicca;*

*(b) meta id-debitur il-gdid jigi mqieghed flok il-qadim, illi jigi mehlus mill-kreditur;*

*(c) meta, bis-sahha ta' obbligazzjoni gdida, kreditur gdid jigi mqieghed flok il-qadim, li lejh id-debitur jigi mehlus".*

Illi mill-artikoli sussegwenti ghall-istess jinghad ukoll li :-

**Artikolu 1180 (2) -** *"In novazzjoni ma hijiex prezunta; l-intenzjoni li ssir ghandha tidher bic-car".*

**Artikolu 1180 (1) -** *"Ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni qadima ma tigix maqtula, ghalkemm tigi mbiddla".*

**Artikolu 1180 (2) -** *"It-tismija wahidha, maghmula mid-debitur, ta' persuna li ghandha thallas minfloku, ma ggibx in-novazzjoni".*

**Artikolu 1183. -** *"Id-delegazzjoni li biha d-debitur jaghti lill-kreditur tieghu debitur iehor, illi jintrabat lejn dan il-kreditur, ma ggibx novazzjoni, jekk il-kreditur ma jkunx iddikjara espressament il-volonta' tieghu li jehles lid-debitur li jkun ghamel id-delegazzjoni".*

Illi minn dan kollu jirrizulta car li n-novazzjoni ma tistax tigi presunta, u dan ghaliex bazikament in-novazzjoni tikkostitwixxi rinunzja tad-drittijiet tal-kreditur ghall-obbligazzjoni ohra u *"il est de principe que les renonciations ne se presument pas"* **(Carbonnier)** tant li *"la volonta' di estinguere l'obligazione precedente (animus novandi), che puo' risultare come ogni dichiarazione di volonta', anche tacitamente, per facta concludentia".*

Illi ghalhekk skond l-istess massimi fuq indikati nghad fil-kawza fl-ismijiet **"Antonio Sammut vs Antonio Mifsud"** (A.K. 14 ta' Settembru 1943) li:-

*"Il-kwistjoni kollha qieghda taggira ruhha jekk l-obbligazzjoni antika bejn il-partijiet gietx estinta u ghalhekk saritx novazzjoni".*

Illi dan gie kkonfermat fis-sentenza **"Carmelo Farrugia vs Annetta Galea et"** (P.A. 11 ta' Gunju 1959) fejn gie affermat li:-

*"Biex ikun hemm novazzjoni bit-tbiddil tad-debitur jehtieg li d-debitur il-gdid jigi mqieghed f'lok il-qadim, u dan jigi mehlus mill-kreditur. It-tismija wehidha, maghmula mid-debitur, ta' persuna li ghandha thallas minfloku ma ggibx novazzjoni, imma huwa indispensabbli l-kunsens tal-kreditur biex tigi operata n-novazzjoni; u d-delegazzjoni li biha d-debitur jaghti lill-kreditur tieghu debitur iehor li jintrabat lejn il-kreditur ma ggibx novazzjoni jekk il-kreditur*

*ma jkunx iddikjara espressament il-volonta` tieghu li jehles lid-debitur li jkun ghamel id-delegazzjoni".*

Illi aktar ricentement fil-kawza **"Franco Busuttil *noe vs* Anthony Mallia"** (K. (JDC) 25 ta' Marzu 1993) insibu li l-istess Qorti qalet li:-

*"Illi skond il-ligi (**artikolu 1180 (2) Kodici Civili, Kap 16**) in-novazzjoni qatt ma tista' tkun prezunta. Ghall-kuntrarju l-intenzjoni li ssir novazzjoni ghandha tirrizulta bic'car ghalkemm ma hemmx bzonn li jintuzaw kliem jew formoli specjali. Hemm ukoll li jkun hemm inkompatibilita' bejn iz-zewgt' obbligazzjonijiet u fid-dubju n-novazzjoni ghandha tigi eskluza. (Ara Kollez. Vol. XXX.I.943)".*

(E) <u>L-ISKRITTURA TAS-26 TA' OTTUBRU 1999.</u>

Illi jirrizulta li tali skrittura giet iffirmata fil-mori tal-kawza, stante li waqt li c-citazzjoni attrici giet presentata fis-16 ta' Gunju 1999, l-iskrittura redatta minn Dr. Jeanne Pia Mifsud Bonnici, d-difensur tal-attur, giet iffirmata fis-26 ta' Ottubru 1999, u l-istess skrittura tikkonsisti f'obbligazzjoni da parte tas-socjeta' Hallett Construction Limited li thallas ta' Lm3,460, in gran parti mertu tal-kawza odjerna lill-attur permezz ta' pagament mensili ta' Lm500 fix-xahar b'effett mid-data tal-istess skrittura, u bid-dekadenza tat-terminu, u bil-kondizzjoni li l-mandati kawtelatorji kontra l-konvenuti jigu irtirati minufih, pero' b'dan li *"c-citazzjoni presentata*

*mill-kreditur kontra d-debituri tigi ceduta hekk kif jigi saldat id-debitu kollu".*

Illi fl-opinjoni ta' dan il-Qorti din l-iskrittura tikkonsisti biss f'assunzjoni ta' obbligazzjoni ta' hlas ta' debitu da parte tas-socjeta' hemm indikata, li bl-ebda mod ma toqtol l-obbligazzjoni precedenti bejn l-attur u l-konvenut Mario Hallett f'ismu proprju u ghan-nom tas-socjeta' Power Mix Limited, kif fuq stabbilit, u fil-fatt fl-ebda parti tal-istess skrittura ma jinghad li l-istess attur, deskritt bhala kreditur, qed jirrilaxxa lill-konvenuti indikati f'din il-kawza, mill-hlas tad-debitu originali, jew imkien ma hemm indikat li l-istess attur qed jirrinunzja ghad-drittijiet li huwa kien qed ivanta kontra l-istess konvenuti jew uhud minnhom.

Illi la darba huwa principju bazilari f'termini ta' rinunzja ta' drittijiet u novazzjoni, li din ghandha tirrizulta cara mill-istess ftehim u ma tistax tigi prezunta, mela hija opinjoni ta' din l-Qorti, li tali skrittura ma hijiex u ma tikkostitwix novazzjoni, u ghalhekk l-obligazzjoni ezistenti bejn il-partijiet naxxenti min-negozju mertu tal-kawza odjerna, bl-ebda mod ma jista' jinghad li giet espressament estinta bejn il-partijiet. Lanqas jista' jinghad li tali obbligazzjoni assunta mis-socjeta' Hallett Construction Limited hija inkompatibbli mal-azzjoni attrici, anzi it-tnejn jistghu jezistu flimkien, tant li l-pagament li sar konsegwenza tal-iskrittura, gie wkoll akkreditat ghad-debitu ta' uhud mill-konvenuti fil-kawza odjerna.

Illi huwa utili li wiehed ifakkar f'dan ir-rigward li n-novazzjoni, anke dik ecceppita *ex parte debitoris*, tezisti abbazi tal-artikoli appositi tal-ligi mhux biss meta l-kreditur jigi provdut b'debitur iehor li jintrabat lejn il-kreditur li jhallas id-dejn, izda wkoll b'dikjarazzjoni espressa tal-kreditur li jkun heles lid-debitur originali mill-istess dejn, tant li l-**artikolu 1179 (b)** jirrikjedi bhala element essenzjali sabiex isehh in-novazzjoni li d-debitur *"il-qadim jigi mehlus mid-dejn".*

Illi fil-kaz *de quo* dan ma jirrizultax mill-istess skrittura, anzi mill-istess skrittura tirrizulta cara l-intenzjoni tal-kreditur, l-attur odjern, li jzomm ferm id-debitu originali, tant li jghid espressament li l-kawza odjerna tigi ceduta biss hekk kif id-debitu kollu jigi saldat, u b'hekk li zamm id-dritt favur tieghu li jkompli jipprocedi kontra l-konvenuti odjerni ghall-hlas tal-istess debitu, u b'hekk jista' jinghad liberalment u b'konvinzjoni li d-debitu *l-qadim* qatt ma gie estint, u l-kreditur qatt ma rrinunzja ghalih.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess l-eccezzjoni tal-konvenut Mario Hallett proprju u ghan-nom tas-socjeta' Power Mix Limited, flimkien mat-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut George Vella qed jigu michuda stante li ma jirrizultawx u huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi ghalhekk in vista tal-istess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha, kif ridotti, biss fil-konfront tal-konvenut Mario Hallett proprju u ghan-nom tas-socjeta' Power Mix

Limited, filwaqt li jigu michuda fil-konfront tal-konvenut George Vella, stante li l-istess George Vella ma huwiex il-legittimu kontradittur u qed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel (1) eccezzjoni tal-konvenut George Vella, u tichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-istess konvenut George Vella u tillibera lill-istess konvenut proprju mill-osservanza tal-gudizzju, u filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut Mario Hallett proprju u ghan-nom tas-socjeta' Power Mix Limited, **tilqa' t-talbiet attrici** kif ridotti bin-nota ta' riduzzjoni datata 4 ta' Mejju 2000, fil-konfront biss tal-istess konvenut Mario Hallett proprju u ghan-nom tas-socjeta' Power Mix Limited, b'dan illi:-

1. Tikkundanna lill-konvenut Mario Hallett proprju u ghan-nom tas-socjeta' Power Mix Limited ihallas lill-attur l-ammont ta' elf, seba' mija u sittin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1,760.85) rappresentanti l-hlas ta' rdim ta' terrapien fil-barriera tas-Sejba/Midirba limiti tal-Mqabba.

2. Tikkundanna lill-istess konvenut Mario Hallett proprju u ghan-nom tas-socjeta' Power Mix Limited ihallas lill-attur l-

ammont ridott ta' elf, mija u tmenin lira Maltija (Lm1,180), bilanc minn somma akbar rappresentanti hlas ta' xiri ta' *generator Fiat Aifa/Stanford 150KVA* fl-10 ta' Marzu 1998 minghand l-attur.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-22 ta' April 1999, ittra ufficjali tat-30 ta' April 1999, tal-mandat ta' sekwestru numru 2727/99 u tal-mandat ta' qbid numru 2729/99 u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-eccezzjoni da parte tal-istess konvenut Mario Hallett proprju *et nomine* fl-1 ta' Marzu 2000 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut Mario Hallett proprju u ghan-nom tas-socjeta' Power Mix Limited, hlief ghall-ispejjez tal-konvenut George Vella li ghandhom jigu sopportati mill-attur innifsu.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**28 ta' Gunju 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**28 ta' Gunju 2001.**